# Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan ta' l-1632 idawwal l-oriġni tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa

*Alexander Bonnici O.F.M.Conv.*

***DOKUMENT UFFIĊJALI MHUX MAGĦRUF***

Ta' kull sena, jiena mmur barra minn Malta biex niġbor xi dokumenti li jgħinuni ħalli ndawwal xi aspett mhux magħruf ta' l-istorja ta' Malta. L-arkivji preferiti tiegħi huma l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan, l-Arkivju tal-Kongregazzjoni tal-Fidi (li kien magħruf bħala tas-"Sant Uffizzju"), u l-*Public Record Office* ta' Kew qrib Londra. Kemm-il darba ġrali li jkolli f'moħħi xi argument ta' storja, u bla ma nkun nistennieh jitfaċċa quddiemi xi dokument importanti dwar xi argument ieħor. Hekk ġrali waqt li kont qed inqalleb id-dokumenti tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan. Kont qed niġbor dokumenti dwar l-Inkwiżituri ta' Malta. Imma, bla ħsieb, ġiet quddiem għajnejja supplika li għandha x'taqsam ma' l-oriġni tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. L-Inkwiżitur ta' Malta kellu xi rabta magħha, imma indirettament biss. Ir-rabta tiegħu magħha kienet għall-fatt li hu kien Delegat Appostoliku wkoll. Kien qisu n-Nunzju li għandna llum.

Jiena ma kontx qed naħdem għal Ħal Luqa. Imma minnufih ħassejtni ċert li dik is-supplika mibgħuta lill-Papa Urbanu VIII fl-1632 għad tkun ta' valur jekk jingħata tagħrif dwarha. Għalhekk, jiena ordnajt minnufih fotokopja tagħha. Imma, għal xi snin, baqgħet merfugħa għandi. Kont għarraft biha lill-Kappillan Dun Ġużepp Camilleri, meta hu kien għadu kif ġie magħżul biex imexxi lil din il-parroċċa. Imma, għalkemm hu talabni aktar minn darba biex nikteb dwarha, għal xi raġuni jew oħra l-istudju dwarha min-naħa tiegħi baqa' ma sarx.

Is-supplika hi ta' żmien meta l-poplu nisrani ta' Ħal Luqa kien imxennaq ħafna biex ikollu knisja parrokkjali li tkun tiegħu biss. Dik ta' Bir Miftuħ, għalkemm fil-qrib, ma kinitx qed taqdihom tajjeb. Dik kienet qrib ħafna, imma fuq in-naħa opposta, tal-Gudja ta' llum. Ir-raħal ta' Ħal Luqa kien jinstab qrib ta' Bir Miftuħ aktar mill-irħula l-oħrajn li, bil-mod il-mod, kienu qed jinqatgħu f'parroċċa għalihom. Imma, xorta waħda, Bir Miftuħ lil Ħal Luqa ma kienx qed jagħtih servizz tajjeb. Il-parroċċa ta' Bir Miftuħ ma offrietx lanqas qassis wieħed biss għal Ħal Luqa. Mis-supplika nafu wkoll bl-inġustizzji li kienu qegħdin isiru mal-familji foqra ta' Ħal Luqa.



Pittura ta' Raffaele Caruana-Dingli li turi l-ewwel knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. L-arkitettura ta' din il-knisja baqgħet l-istess sa l-1901. Wara din id-data inbnew in-navi u tbidlet il-faċċata tal-knisja. Wara l-1945, għat-tielet darba l-knisja għaddiet minn tibdil kbir.

***L-ILMENTI SA MINN ŻMIEN L-ASSEDJU L-KBIR***

L-ilmenti kienu minn dejjem. Imma m'għandniex reġistrati dawk li saru qabel l-1565, is-sena ta' l-Assedju l-Kbir. Nafu dwar dak li kien qed jiġri mill-atti tal-viżta appostolika ta' Mons. Pietru Dusina. Dan, fl-1575, intbagħat mill-Papa Girgor XIII biex jagħmel viżta uffiċjali fid-djoċesi ta' Malta, li f'dak iż-żmien kellha magħha lil Għawdex ukoll. Dik kienet viżta tassew storika.

Fost l-oħrajn, Indri, Vestru, u Vinċenz Bonnici, tliet aħwa minn Ħal Luqa ddikjaraw quddiem Dusina li, fil-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ, kien hemm kappella li, sa għaxar snin qabel, kienet tagħhom. Din kienet qrib il-fonti tal-magħmudija, li kien ikun qrib il-bieb ta' barra. Imma, fi żmien l-Assedju l-Kbir, l-arċidjaknu tal-katidral ordnalhom biex jagħmluha tissakkar sewwa b'xi bibien. Imma huma, fil-faqar tagħhom, ma kellhomx il-flus meħtieġa ħalli jidħlu għal dik l-ispiża. Għal din ir-raġuni, l-arċidjaknu ħadhielhom. Hu ħadilhom, mhux biss il-kappella, imma wkoll għalqa, li hi wkoll kienet tagħhom. Dawn il-Ħalluqin għafsu mal-viżitatur ħalli jgħinhom biex magħhom issir ġustizzja. Kien meħtieġ li jingħatawlhom lura, kemm il-kappella kif ukoll l-għalqa. Huma żiedu jgħidulu li min kien iżomm dik l-għalqa kien fid-dmir li, mid-dħul li jkun hemm, tingħata għajnuna lill-familji foqra ta' Ħal Luqa. Imma, minn mindu dik l-għalqa ttieħdet minn idejhom, lill-foqra ma ngħatalhom xejn. 'Il bogħod minn Bir Miftuħ tqies li kien ta' xi nofs mil. Imma, mill-knisja parrokkjali (li ma kinitx ħlief kappella ċkejkna) żgur li kien xi ftit iżjed. L-akbar ilment kien għall-fatt li n-nies kollha kienu jħossu

għal paġna 5

# Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan - 1632

*minn paġna 4*

ruħhom abbandunati spiritwalment. Il-knisja ċkejkna tagħhom imsemmija għal Sant'Andrija, għalkemm kienet l-ewlenija, ma kellha l-ebda qassis li jieħu ħsiebha. Jidher li r-raġuni għaliex ma ntbagħtilhiex wieħed kienet fil-fatt li ma kinitx mogħnija bir-renti. Għalhekk, qassis f'Ħal Luqa ma kienx ikollu biex jgħix.[1] Ma kienx jissejjaħ qassis ħlief biex iqaddes għall-festa ta' Sant' Andrija u kultant f'xi okkażjoni oħra. Il-knisja lanqas biss ma kellha kwadru titulari. [2] Kien għad fadal ftit iżjed minn mitt sena biex il-knisja tiżżejjen bil-kwadru titulari prezzjuż li tpitter minn Mattia Preti.[3]

Sar fl-1687, u ħallas għalih Basilju Farrugia. Il-bżonn li Bir Miftuħ iċedi parti mit-territorju tiegħu kien ilu jinħass. Mons. Tommaso Gargallo, isqof sever u li ma kien jiqaflu ħadd (1578 - 1614), kien diġa' ta widen għall-ilmenti ta' Ħal Kirkop[4] u Ħal Tarxien[5] billi fl-1592 qatagħhom minn Bir Miftuħ. Imbagħad, fl-1598, minn Bir Miftuħ, l-istess isqof Gargallo qata' l-Imqabba[6] u Ħal Safi.[7]



L-emblema tal-Papa Urbanu VIII li qabel il-gwerra kienet tinsab fil-faċċata tal-Knisja taħt il-fontispizju.

### *FIL-FAQAR U BLA RENTI*

In-nies ta' Ħal Luqa bdew jinkeddu meta raw li postijiet ċkejknin iżjed minnhom ġew mogħtijin il-knisja parrokkjali, u lilhom ma ġietx mogħtija. Mill-irħula ta' madwar Bir Miftuħ, kien jonqos Ħal Luqa u Ħal Farruġ biss. Dwar Ħal Farruġ, qatt ma kien il-ħsieb li tingħatalu xi knisja parrokkjali. Sa llum, il-post baqa' bi ftit nies biss. Dwar Ħal Luqa, lill-isqof kien jidhirlu li l-post sata' jintlaħaq tajjeb minn Bir Miftuħ għax ma kienx imbiegħed. Imma nafu li, fil-fatt, tħalla nieqes mill-bżonnijiet tiegħu. Ma ninżlux fil-fond fl-istorja tal-qagħda soċjali ta' Ħal Luqa. Dwar popolazzjoni, xogħol, faqar, mard, u problemi oħrajn ikellimna tajjeb ħafna Dun Ġużepp Micallef u xi oħrajn ukoll.[8]

Gargallo ma tax lin-nies ta' Ħal Luqa dak li kienu jixtiequ. Meta dan l-isqof miet fl-1614, is-suċċessur tiegħu kien wieħed li twieled Malta. Dan kien Mons. Baldassarre Cagliares li mexxa bejn 1615 u 1633. Imma f'Ħal Luqa hu ma ħasibx malajr. Imma, waqt viżta pastorali fl-1630, kien hu nnifsu li ħeġġeġ lin-nies ta' Ħal Luqa biex jagħmlu rikors f'Ruma ħalli juru li kien meħtieġ li l-parroċċa ssir. [9]Dan juri li lill-isqof kien hemm min ma ħalliehx jiddeċiedi. Min-naħa ta' Bir Miftuħ kienu qed jinħolqulu bosta diffikultajiet. Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi normali tal-ħajja, l-isqof djoċesan m'għandux għalfejn jirrikorri Ruma biex jaqta' parroċċa għaliha. Imbagħad, dan l-isqof, ftit wara li fetħilhom it-triq, mis-sena 1631, ma sata' jagħmel xejn iżjed għaliex marad, u beda jmur minn rasu. Hu tilef l-użu tar-raġuni, u saħansitra lanqas biss ma sata' jitkellem iżjed.[10] Id-djoċesi ta' Malta, minn Diċembru ta' l-1631 sa Awissu ta' l-1633, kienet amministrata minn Mons. Martino Alfieri, inkwiżitur u delegat appostoliku f'Malta.[11] Alfieri kien se jkun inkwiżitur li jgħin ħafna lil Ħal Luqa fit-twaqqif tal-parroċċa. Kien fi żmien l-amministrazzjoni ta' Alfieri meta, fl-1632, inkiteb u ntbagħat ir-rikors ta' l-1632 għat-twaqqif tal-parroċċa. Ir-rikors ġie indirizzat direttament lill-Papa Urbanu VIII.[12]

### *IR-RIKORS LILL-PAPA URBANU*

Ir-rikors ma jinqarax b'ħeffa. Id-diffikultà ma hix qiegħda fl-ilsien latin li bih hu miktub. Hi l-kaligrafija li toħloq xi diffikultajiet. Ma' dan l-istudju ċkejken, qiegħda tidher ir-riproduzzjoni fotografika ta' l-oriġinal tad-

*għal paġna 6*

Zneiber
**Confectionery & Pastizzeria**
**Orders accepted for weddings & all occasion parties**
**6, St Georges Street, Luqa**
**134 Carmel Street, Luqa. Tel: 21803999**

M. CAUCHI HARDWARE STORE
Hardware
**201-202 NEW STR, LUQA Tel: 21673356**
**PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS**
**WATER & OIL BASED PAINTS**
**CARPENTRY GOODS**
**CEMENT**
**KEYS CUTS**

# Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan - 1632

minn paġna 5

dokument. F'din il-kitba tiegħi, qed jitwassal b'ilsienna l-kontenut tiegħu. Il-kitba ħarġet minn għadd ta' persuni li kienu miż-żewġ naħat: jiġifieri kemm minn Ħal Luqa kif ukoll minn Bir Miftuħ. Min-naħa ta' Ħal Luqa kien hemm Luqa Ellul, basilju Farrugia u Anġlu Mallia. Jidher mill-kontenut li kien hemm il-preżenza ta' Dun Mario Mallia, li kien il-kappillan ta' Bir Miftuħ. Tinħass ukoll il-fehma ta' Dun Wistin Cassia, li kien minn Ħal Qormi, imma diġa' kienu tefgħu għajnejhom fuqu bħala wieħed li sata' jgħin, u fil-fatt imbagħad, fl-1634, kien se jiġi magħżul bħala l-ewwel kappillan ta' Ħal Luqa.

L-ewwelnett, inkiteb lill-Papa fejn jinstab il-post u f'liema sitwazzjoni kien. Għalhekk, lill-Papa qalulu: *"Missier Qaddis, ir-raħal ta' Ħal Luqa, li hu fid-djoċesi ta' Malta, jiddependi mill-knisja jew kappella parrokkjali li hi fir-raħal ta' Bir Miftuħ, fl-istess djoċesi ta' Malta".*[13] Dik ta' Bir Miftuħ tissejjaħ "kappella" biex jiġi indikat li hi knisja ċkejkna, kif fil-fatt kienet. Kienet knisja ddedikata għall-Annunzjazzjoni tal-Verġni Marija. Minħabba ċ-ċokon tagħha, kienu qed jaħsbu biex ikabbruha xi ftit proprju f'dak iż-żmien.[14]

Is-supplika tkompli tiddeskrivi l-qagħda: *"Il-poplu għandu jieħu ħsiebu lil dak li jkun rettur ta' dik il-knisja parrokkjali. Il-knisja parrokkjali hi mbiegħda xi mil jew xi ftit iżjed minn Ħal Luqa".*[15] Fi żmien Dusina kien inkiteb li hi mbiegħda nofs mil biss. L-eżattezza tad-distanza hi bejn waħda u oħra; jiġifieri qrib mil. Wara li tfisser li, bejn post u ieħor, ma kien hemm xejn, inkiteb: *"Għal dawk li jkunu jridu jaqsmu minn post għal ieħor, fix-xitwa u fi żmien ta' xita, ma jistgħux jagħmlu dan ħlief b'diffikultajiet kbar. Minħabba t-triq imħarbta u minħabba 'l bogħod li hemm, ħafna xjuħ tar-raħal ta' Ħal Luqa ma jistgħux imorru fil-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ".*[16]

Wara din id-daħla, il-kittieba tas-supplika fissru lill-Papa Urbanu xi xtaqu mingħandu: *"Billi nixtiequ li dawn l-affarijiet skomdi jinqatgħu, bil-qima kollha li għandna lejn il-Qdusija Tiegħek, aħna li qed nagħmlu din is-supplika, il-kunsill popolari, u l-poplu kollu ta' Ħal Luqa tkellimna bejnietna fuq dak li jaqbel għal dan ir-raħal. Inħossu li jkun ta' ġid li r-raħal ta' Ħal Luqa, il-knisja jew kappella tiegħu jinqatgħu mir-raħal ta' Bir Miftuħ u mill-knisja parrokkjali tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, inħossu li l-knisja jew kappella ta' Ħal Luqa tiġi mgħollija għall-ġieħ ta' knisja parrokkjali. Għalhekk, ġew magħżulin x'uħud li joqogħdu f'Ħal Luqa. Dawn ġew delegati biex, flimkien mar-rettur ta' llum tal-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ, li hu Mario Mallia, li għandu qima lejk, ħalli jsir il-ftehim biex lill-knisja ta' Ħal Luqa tinqata' minn dik ta' Bir Miftuħ".*[17] Minn Dun Mario Mallia, l-ewwelnett, kien mixtieq il-kunsens. Imma l-oraturi, bir-rispett kollu, fissru lill-Papa li huma kienu sejrin joqogħdu għar-rieda tiegħu u tas-Sede Appostolika. Imma l-ftehim bejn Bir Miftuħ u Ħal Luqa kien mixtieq li jsir b'xi kondizzjonijiet.[18]

### *IL-KUNDIZZJONIJIET LI TQIEGĦDU*

Il-kUndizzjonijiet kienu dawn:

i) Huma qablu li l-ewwel frott ta' l-għelieqi tar-raħal ta' Ħal Luqa jiġu separati mid-dħul tal-knisja ta' Bir Miftuħ. Dawn kellhom jibdew jingħataw lil Ħal Luqa bħala għajnuna għall-knisja li sejra tinbena.

ii) Dawk il-drittijiet kollha li jmissu u li għad imissu lil Dun Mario jibqgħu jingħatawlu sakemm idum ħaj.[19]

iii) Jingħatawlu sittin skud li kienu jinqasmu fi tliet żminnijiet: l-ewwel terz (jiġifieri 20 skud) jingħatawlu minn dik il-ġurnata li fiha tkun saret parroċċa ħalli jgħinu fil-għajxien tiegħu. Dawn jingħataw fi żmien l-ewwel għoxrin ġurnata minn meta jkun sar it-twaqqif tal-parroċċa. It-tieni terz ta' 20 skud jingħata wara erba' xhur. It-tielet terz ta' għoxrin jingħata meta jgħaddu erba' xhur oħra. Hekk jibqgħu jingħataw kull sena minn dawn li qed jagħmlu s-supplika jew minn oħrajn li huma jkollhom fiduċja fihom. Lil Dun Mario jibqgħu jingħatawlu tul ħajtu kollha, anki jekk ikollu jakkwista xi benefiċċji ekkleżjastiċi oħrajn. Jibqgħu jingħataw anki jekk il-knisja li se jkollha t-twaqqif ta' parroċċa jkollha tkun vakanti għal xi żmien. [20]

iv) Il-poplu tar-raħal ta' Ħal Luqa u r-rettur li fil-futur ikun hemm għall-knisja li għandha tinbena, kemm tul iż-żmien meta Dun Mario jkun għadu ħaj, kif ukoll wara l-mewt tiegħu qatt ma jkollhom xi pretensjoni li jieħdu bħala tagħhom xi ħaġa mir-renti, dħul, beni mobbli u stabbli, u lanqas mill-paramenti, u bżonnijiet oħrajn li jkunu proprjetà tal-knisja ta' Bir Miftuħ, jew tal-kappelli jew altari li jkunu magħqudin magħha. Jekk jiġri li

għal paġna 7

PRIVAT
Biology & Chemistry
MATSEC
O & A level
*(1) Resits Sept 2004*
*(2) Exams May 2005*
*Zurrieq*
*Tel: 21649614*
*Mob: 79288600*
*email:*
*bspiteriprivat@yahoo.co.uk*

TWO 9 SIX
LADIES - GENTS, CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR
NEW STREET, LUQA
TEL: 21820672
*JAWGURAW LILL-KLIJENTI KOLLHA TAGĦHOM IL-FESTA T-TAJBA*

HIGHWAY
RESTAURANT & PIZZERIJA
Luqa By Pass
Luqa
Opening Hours
6.00p.m. - 11.00 p.m.
Open also
for working lunches
9.00a.m. - 2.30 p.m.
New Pizza American Style

# Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan - 1632

minn paġna 6

dawk l-oġġetti li qegħdin fil-knisja ta' Bir Miftuħ jew fil-kappelli li hemm magħha jitolbuhom jew jippretenduhom. Imma l-oġġetti jibqgħu kompletament proprjetà ta' dik il-knisja ta' Bir Miftuħ, u għalhekk jibqgħu fiha.[21]

v) Il-kawża tad-dismembrazzjoni minn Bir Miftuħ u tat-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida sejrin iġibu l-ispejjeż. Ikun hemm spejjeż ukoll biex minn Ruma jintbagħtu l-ittri appostoliċi. Ikun hemm spejjeż oħrajn f'Malta sakemm joħroġ l-aħħar att definittiv li bih il-parroċċa tkun twaqqfet. Minn dawn l-ispejjeż, l-imsemmi Dun Mario ma jħallas xejn. Kollox jitħallas minn dawk ta' Ħal Luqa.[22]

vi) Il-Kappillan li jsir għal din il-knisja li għandha tinbena, u kull wieħed mis-suċċessuri tiegħu, kull sena, joffru seba' rbajja' u nofs lill-Kulleġġ tas-saċerdoti tal-Ġiżwiti tal-Belt tad-djoċesi ta' Malta. Din hi n-nofs is-somma li l-imsemmija knisja ta' Bir Miftuħ hi obbligata tagħti kull sena bħala għajnuna għas-seminarju tat-tfal subien. Għalhekk, għalli ġej, dak li jkun il-kappillan tal-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ iħallas biss in-nofs l-ieħor ta' l-offerta. Dan l-obbligu miż-żewġ naħat jibda minn dik il-ġurnata li fiha l-knisja jew kappella ta' Ħal Luqa tkun ġiet mgħollija għad-dinjità ta' parroċċa u jkun ġie mogħti lilha l-kappillan li jmexxiha.[23]

vii) Il-legati li huma mogħtijin lil dik il-knisja ta' Bir Miftuħ, flimkien mal-quddies u l-obbligi mwaqqfin fiha min-nies ta' Ħal Luqa għandhom jibqgħu f'Bir Miftuħ u jibqgħu jiġu sodisfatti f'dik il-knisja. Għalhekk, dawn ma għandhomx jitneħħew minnha biex jiġu trasferiti.[24]

viii) L-ewwel frott li kien jingħata minn Ħal Luqa jibqa' jingħata lil Dun Mario sa dik il-ġurnata meta l-knisja ta' Ħal Luqa li sejra tinbena jkollha l-kappillan tagħha għax tkun inqatgħet f'parroċċa għal rasha. Minn dik il-ġurnata tat-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħal Luqa, jistgħu bi dritt jinġabru u jingħataw lill-kappillan ta' Ħal Luqa, u jagħmel użu minnhom għall-utilità tiegħu.[25]

ix) Il-poplu ta' Ħal Luqa u l-kappillan tal-knisja li għandha tinbena, fil-Ħdud u l-festi kmandati l-oħrajn, ma jistgħux jiċċelebraw quddies jew iqabbdu lil min iqaddes ħlief minn dik il-ġurnata meta l-kappillan ikun ħa l-pussess tal-knisja li għandha tinbena. Id-drittijiet ikunu skond kif jingħataw u kif jidhru b'mod sħiħ fil-kitbiet li joħorġu.[26]



L-aħħar paġna tas-supplika li kif jidher intlaqet fid-29 ta' Novembru 1632.

### IL-ĠID LI JOĦROĠ MINN KAPPILLAN FIL-POST

Dawk li qed jagħmlu s-supplika jindirizzaw ruħhom lill-Papa b'dawn il-kelmiet: *"Missier Qaddis, Aħna lill-knisja jew kappella ta' Sant' Andrija tar-raħal ta' Ħal Luqa nixtequha b'ħerqa li tinqata' mill-knijsa parrokkjali ta' Bir Miftuħ. Nixtiequ li d-dismembrazzjoni jkollha bħala konsegwenza li jkun hawn knisja parrokkjali ġdida fir-raħal ta' Ħal Luqa. B'hekk Ħal Luqa jkollu l-kappillan tiegħu. Dan ikun ta' faraġ spiritwali għal dan ir-raħal. Lill-kappillan jingħatalu bħala dritt l-ewwel frott tar-raħal ta' Ħal Luqa. Hu jieħu wkoll id-dħul inċert li jservih għall-għajxien tiegħu tul iż-żmien li jkollu f'idejh dik il-knisja li għandha tinbena. Dawn ma jibqgħux jingħataw iżjed lill-knisja ta' Bir Miftuħ.*

*Għalhekk, bl-umiltà kollha, qed titressaq din is-supplika lill-Qdusija Tiegħek. L-imsemmi Kunsill Popolari qed jagħmel din it-talba b'sens ta' qima lejk, flimkien ma' Dun Wistin Cassia, qassis Malti. Aħna msaħħin bil-wegħda li jagħmlulna n-nies ta' Ħal Luqa li hawn bħalissa. Aħna ċerti li jagħmlu bħalhom dawk li għad jiġu*

għal paġna 8

**Q-QUICK**

*230, Triq il-Ġdida, Luqa LQA 02*

*Tel: 2182 0772*

**Issibu toys, soft toys, varjazzjoni ta' stationery, magazines, kotba ta' l-Iskola, u tal-qari, photocopy service, spiral & glue binding, Photo developiong 24 hour service. Issibu varjetà kbira ta' affarijiet għas-sajd**

***Nispeċjalizzaw fi prodotti tad-ditta rinomata***
**FABER CASTELL**

SILVANA
GENERAL HOUSEHOLD GOODS

*Gifts & Furniture*

***It-Taħħan Street c/w Vince Dimech Street***
***Żurrieq***
***(opposite Xarolla Windmill)***
***Tel: 2164 9035, 2168 0115***

## *Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan - 1632*

*minn paġna 7*

*warajhom 'il quddiem. Huma jiżguraw li jagħtu l-ewwel frott u d-dieċmi lil din il-knisja jew kappella. Imma huma jistennew li jkollhom il-kura ta' l-erwieħ maqtugħa minn dik il-knisja ta' Bir Miftuħ. Din ma jixtequx li jibqa' jkollha ġurisdizzjoni fuqhom. Imma joqogħdu għal kull patt u għall-kundizzjonijiet li diġà ssemmew. B'hekk, Ħal Luqa jinqata' għal dejjem u jkollu l-parroċċa tiegħu separata u distinta għal dawk li jgħixu fit-territorju tar-raħal. Il-knisja parrokkjali jkollha l-fonti tal-magħmudija tagħha. Ikun hemm iċ-ċimiterju tal-parroċċa. Ikun hemm ukoll dak kollu li qassis li jmexxi parroċċa għandu d-dritt li jkollu.*

*Il-kappillan li jingħata għal Ħal Luqa jkun joqgħod fil-parroċċa personalment u lill-parroċċa jserviha bil-funzjonijiet divini u billi jieħu ħsieb tal-kura spirtwali ta' dawk kollha li joqogħdu fit-territorju tagħha. Hu, għalhekk, jieħu ħsieb ta' dawk kollha li jkunu jgħixu fir-raħal ta' Ħal Luqa u fit-territorju kollu li jkun marbut ma' dan ir-raħal. Hu jamministralhom is-sagramenti u jagħtihom is-servizzi kollha li wieħed jistenna li jsib f'parroċċa. Hu jintrabat bil-piżijiet kollha li parroċċa ġġib magħha u ma jħallihiex nieqsa mill-bżonnijiet parrokkjali b'mod li l-parruċċani kollha jkunu moqdija. Ikun moqdi wkoll id-distrett kollu tar-raħal ta' Ħal Luqa. Dawk li joqogħdu fil-limiti tal-parroċċa, kemm ta' llum kif ukoll dawk taż-żmien li għad jiġi jaħsbu biex lill-kappillan jipprovdulu d-dotazzjoni li għandu jkollu għall-għajxien u biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. L-ewwel frott u d-dieċmi kollha tar-raħal ta' Ħal Luqa u t-territorju ta' dan ir-raħal, jibqgħu jingħataw kemm issa kif ukoll 'il quddiem. Dawn jingħataw f'idejn il-kappillan ta' Ħal Luqa malli jieħu l-pussess tal-parroċċa. Dawn ikunu marbutin mal-knisja kemm kif tkun malli tinbena, kif ukoll 'il quddiem.*

*Dak li l-kappillan ikollu dritt għalih jieħdu hu personalment jew xi ħadd jew uħud f'ismu u f'isem il-knisja msemmija ta' Ħal Luqa. Ikun tiegħu bis-setgħa li jkollu. Għalhekk, hu jieħu tiegħu liberament u jżommu għal dejjem bil-permess ta' l-Isqof Djoċesan jew ta' xi ħadd ieħor minfloku. L-ittri uffiċjali ta' llum u dawk li għad jintbagħtu 'l quddiem, meta jkunu validi u effikaċi, ikollhom l-effett sħiħ tagħhom. Dak li jingħata jkollu l-qawwa tiegħu sakemm ma jkunx hemm xi revokazzjoni jew xi sospensjoni li tillimita jew tneħħi għal kollox dak li jkun ġie mogħti, jew jingħataw xi dispożizzjonijiet kontrarji min-naħa tal-Qdusija Tiegħek jew ta' xi suċċessur tiegħek bħala Papa.*

*Jekk 'il quddiem xi ħaġa li tkun ġiet mogħtija ma tidhirx li tkun ċara f'xi kelmiet jew xi espressjonijiet, jew ikun hemm xi ħaġa li ma tkunx tinftihem tajjeb, id-deċiżjoni dwarhom tittieħed mill-imħallfin tal-kawżi tal-Palazz Appostoliku bħala awdituri, jew mill-imħallfin li jkunu Kardinali tal-Knisja Mqaddsa Rumana, jew minn legati jew viċi-legati tas-Sede Appostolika, li jagħmluha ta' mħallfin billi jiddeċiedu dwar dak li jkollu jsir għall-knisja tar-raħal ta' Ħal Luqa. Dan jgħodd ukoll f'dak li jinqala' fiż-żmien li għad jiġi dwar xi ħaġa mogħtija lill-kappillan li jkun hemm fir-raħal ta' Ħal Luqa.*[27]

*Il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa jkollha r-renta mill-kapital li ma jaqbiżx 24 dukat.*[28] *Fl-ewwel żmien tat-twaqqif tal-parroċċa, din is-somma ma tinqabiżx. Meta jiġi biex issir it-twaqqif, is-somma tingħata lil Dun Wistin.*[29] *Dan nixtequh bi grazzja speċjali, minkejja xi dispożizzjonijiet differenti li jista' jkun hemm min-naħa tal-Qdusija Tiegħek. Jingħata kas f'każ ta' xi valuri, kif inisbu wkoll f'dikjarazzjonijiet tal-Konċilju tal-Lateran li m'ilux li ġie ċċelebrat. Il-ġabra ta' dawn id-dispożizzjonijiet flimkien nixtequha li tkun perpetwa, ħlief f'dawk il-każijiet meta jkun hemm xi projbizzjoni fil-Liġi tal-Knisja jew fis-Sinodi Appostoliċi jew Provinċjali, jew fil-Konċilju Universali, jew f'editti speċjali jew f'kostituzzjonijiet ġenerali, jew f'ordinazzjonijiet oħrajn. Dan aħna qegħdin nipproponuh sakemm ma jkunx hemm dak li jkun kuntrarju għalih".*[30]

### *29 TA' NOVEMBRU 1632: IS-SUPPLIKA TINTLAQA'*

F'dak iż-żmien meta ntbagħtet din is-supplika, id-djoċesi ta' Malta kienet tinstab fi żmien ta' niket. L-Isqof Baldassarre Cagliares ma għaddiex aħjar fil-marda kerha li laqtitu. Moħħu baqa' mimsus u baqa' difettuż biex jesprimi ruħu. Il-Papa Urbanu VIII, li kien ġie mgħarraf b'dik is-sitwazzjoni, ma satax iħalli lil Malta bla ragħaj. Żgur li kien meħtieġ wieħed għallanqas provviżorju. It-tama fil-fejqan ta' l-Isqof kienet żgħira; imma ma kien hemm l-ebda ħsieb li jitqiegħed isqof ġdid sakem Cagliares ikun għadu ħaj. Għalhekk, ftit qabel ma ntbagħtet is-supplika dwar il-parroċċa ta' Ħal Luqa, il-Papa Urbanu, fis-7 ta' Ġunju 1631, bagħat f'Malta brevi lill-Inkwiżitur Ludovico Serristori, li kien ukoll Delegat Appostoliku, ħalli tinstab soluzzjoni.

*għal paġna 9*


**DARMENIA TOURS**

*Misraħ tal-Knisja - Luqa*

***Ġiti Kulturali u Divertenti***

*Tel: 21800417*
*Fax: 21697953*

**HUSYL**
**Household Goods**
**New Street - Luqa**
**Tel: 21677955/99471706**

**Il-ħanut fejn issibu tixtru rigali għal kull okkażjoni bħal linef, statwi, kolonni u għażla ta' mirja, nkwatri u *loose furniture* tal-kewba. Issibu wkoll affarijiet għall-użu tad-dar bħal borom *waterless*, fannijiet, *picnic coolers* u *B-B-Q sets***

**GREEN PEPPER**

**Prop: Alfred Abdilla**

237, Triq il-Ġdida, Luqa
Tel: 21663883

**Fejn issibu kull kwalità ta' frott u ħaxix frisk u kull kwalità ta' ġobon, salumerija u *party items***

# Dokument ta' l-Arkivju Sigriet tal-Vatikan - 1632

minn paġna 8

Kien meħtieġ li jitqiegħed wieħed minflok l-Isqof Cagliares. Id-deċiżjoni tal-Papa kienet li, għal sitt xhur, id-djoċesi tintelaq f'idejn Fra Salvatore Imbroll, qassis Malti li kien prijur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Għalhekk, dan ġie maħtur vigarju tad-djoċesi.[31] Imma f'Malta mhux kulħadd qabel ma' dik id-deċiżjoni; għalhekk, proviżorjament, l-Inkwiżitur Serristori nnifsu ħa t-tmexxija tad-djoċesi f'idejh. Imma Serristori u Imbroll qatt ma kisruha bejniethom.[32]

L-għajnuna lil ta' Ħal Luqa ġiethom mis-suċċessur ta' Serristori. Fit-28 ta' Diċembru 1631, wasal Malta Inkwiżitur ġdid li kien Mons. Martino Alfieri. Dan, minn Diċembru 1631 sa Awissu 1633, kien soprintendent u amministratur tad-djoċesi ta' Malta.[33] Kien eżattament fi żmien l-amministrazzjoni ta' Alfieri meta minn Ħal Luqa ntbagħtet is-supplika li nkiteb dwarha. Fid-29 ta' Novembru 1632, il-Kongregazzjoni tal-Konċilju bagħtet tweġiba favorevoli għas-supplika. Jekk dan li nkiteb fiha kellu jirriżulta li hu minnu, u jekk il-Papa Urbanu VIII ma kellux juri ruħu kuntrarju, is-supplika kienet sejra tintlaqa' u tintbagħat lil dak li kellu t-tmexxija tad-djoċesi f'idejh. F'dak iż-żmien, id-djoċesi kienet għadha f'idejn l-Inkwiżitur Martino Alfieri. Il-Kongregazzjoni msemmija kienet tal-fehma li lir-raħal ta' Ħal Luqa tingħatalu knisja parrokkjali.[34]

Dan juri li l-Kongregazzjoni ddeċidiet li ddaħħal fil-każ lill-Inkwiżitur ta' Malta, minħabba l-fatt li kien is-soprintendent tad-djoċesi. Imma d-deċiżjoni definittiva ma setgħetx tittieħed malajr. L-Isqof Cagliares miet għal għarrieda fl-4 ta' Awissu 1633 b'attakk ta' puplesija.[35] Imma, billi l-isqof il-ġdid, li kien se jkun Mons. Mikiel-Ġwanni Balaguer, ma sarx minnufih kien se jkun l-istess Inkwiżitur Alfieri li baqa' jgħin lil ta' Ħal Luqa sakemm fil-15 ta' Marzu 1634 ħarġu minn idejn il-Papa Urbanu l-ittri appostoliċi għat-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Imma dan hu tagħrif li nafuh għaliex inkiteb tajjeb dwaru minn ħaddieħor.[36]


**Referenzi**

1 ASFR, *Copia Visitationis Apostolicae Melitensis R.P.D. Petri Duzina factae MDLXXV*, ff. 189-190.

2 Ibid., f.190.

3 Ara Alex. Bonnici - Joseph Grech, *Il-kwadri titulari tal-parroċċi ta' Malta u Għawdex*, PEG, 2000, 49.

4 Bonnici Alexander, "Kirkop: San Leonardu", *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom*, PIN, II(1993), 12-13.

5 Battistino Vincent, *Ħal Tarxien*, 1993, 35-36.

6 A. Bonnici, "Lejn l-erezzjoni tal-parroċċa fl-Imqabba fis-sena 1598", Charles Farrugia (ed.), *L-Imqabba mal- taż-żmien*, Malta 1998, 32-33.

7 Paul Callus, *Ħal Safi*, 1998; Id., "Safi: San Pawl", *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom*, PIN, III(1994), 1.

8 Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, 1975, 37-58; ara wkoll Dun Karm Zammit, Luqa: Sant'Andrija, *Knejjes Parrokkjali*, II(1993), 51-60.

9 AAM, *Kanċ.*, *Supplicatio pro Basilio Farrugia*; AAM, VP, XI (1621-1631: Cagliares).

10 Bonnici Alessandro, "I Vescovi di Malta Baldassarre Cagliares e Michele Balaguer", *MH*, V/2(1969), 8.

11 Bonnici Alex., *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta*, RuĦ, I(1990), 254-256.

12 ASV, *S. Cong. Conc.*, positio 48, ff. 150r-155v.

13 Ib., f.150r.

14 AAM, *VP*, XII (1635-1637: Balaguer), f.99v; 202v-203v. Imma dik ma ken itx il-knisja ta' llum. Reġgħet tkabbret minn Ġiovanni Barbara bejn 1752 u 1755: Ib., 1751-1756 (Alpheran), ff.202v-203v: Ib., 1758-1760(Rull), II, f.430r-v.

15 ASV, *S. Cong. Conc.*, pos. 48, f.150r.

16 Ibid.

17 Ibid., f.150r-v. Il-kappillan Dun Mario Mallia kien ilu jmexxi l-parroċċa ta' Bir Miftuħ sa mis-sena 1599. Kien saċerdot ta' merti kbar; hu tqies wieħed mill-aħjar qassisin tad-djoċesi. Imma, f'dak iż-żmien ta' l-erezzjoni tal-parroċċa ta' Ħal Luqa, hu kien imtaqqal bis-snin, u kien qrib l-aħħar żmien ta' ħajtu. Hu jis semma ħafna minn Micallef. Kittieba oħrajn ifaħħruh. Miet fl-1635: Ġ. Micallef, *Ħal Luqa*, 49, 52-53, 58-64, 70-71, 87, 189; Achille Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese*, 1866, 351.

18 ASV, *l.c.*, f.150v.

19 Ibid. Il-munita ta' dak iż-żmien kienu l-*Iskud*. Dan kien jinqasam fi tnax-il *irbija*. L-irbija kienet tinqasam f'għoxrin *ħabba*.

20 ASV, *Ibid.*, ff. 150v-151r.

21 *Ib.*, f.151r-v.

22 *Ib.*, f.151v.

23 *Ib.*, f.152r.

24 *Ib.*,Hawn jidher tajjeb kemm Dun Mario Mallia, il-Kappillan ta' Bir Miftuħ, saħaq biex hu u s-suċċessuri tiegħu ma jitilfu xejn mid-dħul li kellha dik il-knisja parrokkjali tagħhom.

25 *Ib.*, f.152r-v. Hawn qiegħed jingħad għal dak li l-liġi tal-Knisja ssejjaħlu *iura stolae:* li hu dak li, dritt, imiss lill-kappillan li jkun imexxi parroċċa.

26 *Ib.*, f.152v.

27 *Ib.*, f.152v-155r.

28 Dukat hu munita tad-deheb ta' żmien il-Kavallieri, li kienet tissarraf f'xi 18-il biċċa tal-fidda. Din hi munita li kienet tintuża l-iżjed fir-Repubblika ta' Venezja u fis-Saltna ta' Napli.

29 Wistin kien Dun Wistin Cassia, li kien qed jissemma li se jsir l-ewwel kappillan, jekk ix-xewqa tan-nies ta' Ħal Luqa tinqata'.

30 ASV, l.c., f.155r-v.

31 ASV, Secr. Brev., 775, f.38r-v.

32 Alex. Bonnici, Storja ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta, RuĦ.I (1990), 251-252.

33 Ib., 255.

34 ASV, S. cong. Conc., pos. 48, f.155r.

35 Bibl. Vat., Barb. Lat., 6680, f.27r. Bonnici, o.c., 257.

36 Micallef, o.c.,


# Dwar Alexander Bonnici:



Patri Alexander Bonnici hu Franġiskan Konventwal bid-dottorat fl-Istorja mill-Università Gregorjana ta' Ruma. Bosta huma l-kitbiet storiċi tiegħu bil-Malti, Ingliż, Taljan u Spanjol. Ġie mogħti apprezzament anki b'midalji tad-deheb minn Cambridge (Ingilterra), North Carolina (USA), u Malta. Għall-ibliet u l-irħula tagħna, hu ppubblika volumi sħaħ ta' storja. Ta' min isemmi dawk għall-Isla, il-Mellieħa, u Ħad Dingli f'Malta, u għar-Rabat u n-Nadur Għawdex. Ikkollabora ma' kittieba oħrajn fi studju importanti dwar xi postijiet, bħall-Birgu, San Ġiljan, u l-Imqabba f'Malta u għal San Lawrenz f'Għawdex. Opra ta' valur kbir li ħarġet minn idejh bl-Ingliż u bil-Malti hi l-istorja ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta. Ismu hu inkluż f'*Who's Who* ta' nazzjonijiet bħalma huma l-Ingilterra, Stati Uniti, naturalment Malta. Fl-1996, ġie meqjus fl-Amerka bħala *Man of the Year* fl-istorja u kiseb midalja tad-deheb.